# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' April 2024**

**Numru 10**

**Rikors numru 10/2016/2 MH**

**Clement Okoro**

**v.**

**Bord tal-Appell dwar ir-Refuġjati**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell minn sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla li ċaħdet it-talba tal-attur sabiex tiġi mħassra deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Refuġjati wara li qieset illi l-azzjoni attriċi kienet waħda msejsa fuq Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u li kienet perenta *ai termin*i tal-istess artikolu.

**Daħla**

2. Il-fatti rilevanti għal dan l-appell huma s-segwenti.

3. L-**Appellant Clemente Okoro (l-Appellant)** kien wasal Malta min-Niġeria via l-Libja fis-sena 2008 u talab l-istatus ta' refuġjat. L-Appellant jgħid li kellu jaħrab minn pajjiżu peress li hu u familtu kienu membri ta' moviment politiku ġewwa n-Niġerja bl-isem MASSOB li kien f'konflitt mal-gvern ċentrali; jgħid illi minħabba f'hekk familtu sofriet attakki vjolenti fejn ħuħ inqatel fit-22 ta' Ġunju, 2006 filwaqt li missieru inqatel fit-28 ta' Ġunju, 2006 waqt *raids* mill-awtoritajiet tal-gvern ċentrali fuq il-villaġġ tiegħu. Jgħid li huwa salva peress li ħarab waqt l-aħħar attakk. Jgħid ukoll illi preċedentement kien anke talab li jidħol l-università ġewwa n-Niġeria u allega illi t-talba tiegħu ġiet miċħuda minħabba r-rabta li kien hemm bejn familtu u l-moviment MASSOB fuq imsemmi. Jgħid illi wara l-aħħar attakk fejn inqatel missieru, ħarab lejn il-Libja sakemm wasal Malta u talab għall-istatus ta' refuġjat.

4. It-talba tiegħu ġiet proċessata skont il-liġi viġenti dak iż-żmien, l-**Att dwar ir-Refuġjati (Kap. 420 tal-Liġijiet ta' Malta)**[1]. **Il-Kummissarju għar-Refuġjati (il-Kummissarju)**[2], b'deċiżjoni tat-28 ta' Lulju, 2009,

[1] Illum l-**Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali** (Kap. 420)
[2] Illum l-**Uffiċjal Kap Eżekuttiv** maħluq bl-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali.

ċaħadlu t-talba wara li qies illi "you did not provide evidence of a well-founded fear of persecution according to the 1951 Geneva Convention". Fid-deċiżjoni ta' rifjut il-Kummissarju qies fost l-oħrajn illi l-allegazzjonijiet illi ħuħ u missieru kienu ġew maqtula minħabba l-affiljazzjoni politika tagħhom "were vitiated by a number of inconsistencies." Appella minn dak ir-rifjut quddiem il-**Bord tal-Appelli dwar ir-Refuġjati**[3] (**il-Bord konvenut jew il-Bord Appellat**). B'deċiżjoni tat-30 ta' Mejju, 2011 il-Bord Appellat ċaħad l-appell wara li kkunsidra illi "... it has viewed your appeal, the written submissions by your appointed legal aid, as well as all documents found in your file. The Board of Appeal ... rejects your appeal on the basis that you have failed to provide convincing evidence that you ever faced or risk facing a well founded fear of persecution according to the refugee definition in your alleged country of origin as well as your country of habitual residence.".

5. Fl-10 ta' Settembru, 2013 l-Appellant ressaq "applikazzjoni sussegwenti" għall-istatus ta' refuġjat *ai termini* tal-**Artikolu 7A tal-Kap. 420**[4]**.** B'deċiżjoni tal-21 ta' Ġunju, 2014 il-Kummissarju ċaħad l-*applikazzjoni sussegwenti* tal-Appellant. Jingħad hekk f'dik id-deċiżjoni:

> "This refers to your reapplication for recognition of refugee status in Malta because you claim that in Nigeria you were a member of the Massob. You provided the Office with new evidence. These consisted of a tee shirt, three books, two news peprs, copies of two documents (A

[3] Illum it-**Tribunal tal-Appelli għall-Protezzjoni Internazzjonali**.
[4] **Art. 2 tal-Kap. 420** jiddefinixxi "applikazzjoni sussegwenti" bħala "applikazzjoni oħra għall-protezzjoni internazzjonali magħmula wara li tkun ittieħdet deċiżjoni finali fuq applikazzjoni preċedenti;"

police warrent for IC's arrest, and a Massob reference letter), and a maltese police report stating that IC walet and documents were stolen from your car on the 20th Mary 2013.

The Office of the Refugee Commissioner is of the opinion that you failed to support the above mentioned claim with convincing evidence, there is no reason to believe that this claim of yours (a) qualifies you for refugee status according to the 1951 Geneva Convention; (b) would lead to you risking facing a real risk of suffering serious harm as defined in the Refugee Act Chapter 420 and the Council Directive 2004/83/EC of 29 April 2004 on minimum standards for the qualification and status of third country nationas or stateless persons as refugees or as persons who otherwise need international protection.

The Office of the Refugee Commissioner is of the opinion that you did not provide evidence of a well-founded fear of persecution in your country of origin according to the 1951 Geneva Convention.

Considering the above, it is the opinion of the Office of the Refugee Commissioner that you do not fulfil the criteria for recognition of refugee status.

The Office of the Refugee Commissioner is also of the opinion that you do not qualify to be recommended for subsidiary protection according to the Refugees Act."

6. Fil-11 ta' Lulju, 2014 l-Appellant ressaq appell minn dak ir-rifjut quddiem il-Bord tal-Appelli għar-Refuġjati liema appell ġie riġettat b'deċiżjoni tat-28 ta' Lulju, 2015. Il-motivazzjonijiet tal-Bord tal-Appelli kienu s-segwenti:

"At appellate stage, appellant filed an affidavit and several documents along with his appeal to show his affiliations with the Massob, and to prove that he's a wanted person in Nigeria. It appears that the documents attached with the affidavit had already been filed when the Refugee Commissioner made his recommendation, because there's reference to them in such recommendation.

Indeed the recommendation was based on an analysis of such documents, in that it rejected their veracity, because the documents were not in original copy, and because of a number of other reservations enlisted at the end of paragraph three (3) of the recommendation, with which this Board fully concurs.

> The Board is of the opinion therefore that through the documents presented in the subsequent application, appellant did not adequately prove that he faces a real risk of persecution in terms of the law."

7. Fil-11 ta' Frar, 2016 l-Appellant ħarrek lill-Bord Appellat billi istitwixxi l-kawża odjerna quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva (it-**Tribunal Amministrattiv**) fejn għar-raġunijiet hemm imsemmija talab lit-Tribunal jiddikjara d-deċiżjoni tal-Bord "bħala 'ultra vires' fis-sens li ma rrispettatx il-prinċipji ta' gustizzja naturali fil-konfront tiegħu; li ħadet 'the line of least resistanc[e]' u b'hekk ghamlet ingustizzja mal-esponent f'kwistjoni li tista tkun ta hajja u mewt". Talab għalhekk lit-Tribunal Amministrattiv sabiex (i) iħassar id-deċiżjoni tal-Bord; u (ii) sabiex jordna lill-Bord jerġa jisma' mill-ġdid l-appell b'rispett lejn il-prinċipji tal-ġustizzja naturali.

8. Permezz ta' risposta ppreżentata quddiem it-Tribunal Amministrattiv fis-7 ta' Marzu, 2016, il-Bord konvenut oppona għat-talbiet tal-Appellant billi ressaq diversi eċċezzjonijiet fosthom l-eċċezzjonijiet preliminari segwenti: (i) illi jekk l-azzjoni attriċi hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju dwar l-operat tal-Bord tal-Appell dwar ir-Refuġjati, allura t-Tribunal Amministrattiv m'għandux ġurisdizzjoni jieħu konjizzjoni tat-talbiet tal-Appellant *stante* illi tali kompetenza ta' stħarriġ ġudizzjarju tispetta lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivli; (ii) illi jekk l-azzjoni hija msejsa fuq Artikolu 469A (2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, "għemil amministrattiv" li dwaru jipprovdi Artikolu 469A tal-Kap. 12 ma jinkludix

deċiżjonijiet ta' bordijiet jew tribunali mwaqqfa b'liġi bħalma huwa l-Bord tal-Appelli dwar ir-Refuġjati; (iii) illi jekk it-Tribunal Amministrattiv iqis li għandu ġurisdizzjoni jistħarreġ l-ilment tal-Appellant, l-azzjoni hija perenta bid-dekors ta' sitt xhur *ai termini* tal-Artikolu 469A (3) tal-Kap. 12

9. B'digriet kamerali tal-14 ta' Lulju, 2016 it-Tribunal Amministrattiv iddeċieda illi ma kienx it-tribunal kompetenti sabiex jieħu konjizzjoni tat-talbiet tal-Appellant u ordna li l-atti jintbagħtu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex is-smigħ jitkompla quddiemha. Il-motivazzjoni fid-digriet kamerali kienet is-segwenti:

> "The Applicant is here[by] claiming a violation of his fundamental human right to a fair hearing by the Refugee Appeals Board and is requesting the Tribunal to refer his case to the Civil court, First Hall in its Constitutional Jurisdiction. Without going into the merits of whether or not there has been a violation of the Applicant's right to a fair hearing by the Refugee Appeals Board, since the Administrative Review Tribunal is not competent to do so, it is hereby being declared that the Tribunal cannot refer the Applicant's case to the Civil Court, First Hall in its Constitutional Jurisdiction since it .. does not qualify as a 'court' in terms of Section 46 (3) of the Constitution and of Section 4 (3) of Chapter 319 of the Laws of Malta.
>
> […]
>
> Therefore, in the light of the above the Tribunal reiterates that it is not competent to determine claims concerning an alleged violation of Fundamental Human Rights and Freedoms as protected by the Constitution and by the European Convention for Human Rights and Fundamental Freedoms and neither can it refer issues pertaining to alleged violations of Human Rights and Fundamental Freedoms before the Civil Court, First Hall in its Constitutional jurisdiction.
>
> In this case however the Tribunal can, or rather must, in terms of the first proviso to Section 741 of Chapter 12 of the Laws of Malta, introduced in virtue of Act IV of 2016, order that the records of these proceedings be transferred to the Civil Court, Fisrt Hall in its ordinary jurisdiction for

> eventual determination of the Applicant's requests since, in its opinion it is the said Court and not this Tribunal which is competent to decide and determine the requests put forth by the Applicant.
>
> For the above reasons the Tribunal, whilst reiterating that it is the Civil Court, First Hall in its ordinary jurisdiction which has the necessary jurisdiction to decide and determine the requests put forth by the Applicant, upholds the preliminary plea raised by the Refugee Appeals Board with regard to the lack of competence of the Tribunal to decide and determine the requests put forth by the Applicant and orders that the records of these proceedings be forthwith transmitted to the Secretary of the Administrative Review Tribunal so that the same can be transferred to the Civil Court, First Hall in its ordinary jurisdiction in terms of Law."

10. *Ai termini* tal-preċitat digriet kamerali l-atti ġew trasferiti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (**l-Ewwel Qorti**) li b'digriet tal-10 ta' Awwissu, 2016 appuntat il-kawża għas-smigħ quddiemha. Wara li l-partijiet ressqu l-provi kollha tagħhom, sew fuq l-eċċezzjonijiet, preliminari u mhumiex, kif ukoll dwar il-mertu, l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża b'sentenza tas-7 ta' Frar, 2020 (is-**Sentenza Appellata**) fejn iddikjarat illi l-azzjoni attriċi kienet azzjoni taħt Artikolu 469A tal-Kap. 12, u li kienet perenta bid-dekors tas-sitt xhur hemm stipulat. Għaldaqstant laqgħet l-eċċezzjonijiet rilevanti tal-Bord konvenut u ċaħdet it-talbiet attriċi.

11. L-Appellant ħassu aggravat b'dik is-sentenza u b'rikors tal-appell tas-26 ta' Frar, 2020, għar-raġunijiet hemm mogħtija, talab lil din il-Qorti "tirrevoka l-precitata sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tas-7 ta' Frar, 2020 ... u b'hekk tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat u jew tiddeciedi l-kaz hi jew tirrinvija l-atti ghad-decizjoni fuq il-mertu...."

12. B'risposta tas-6 ta' Marzu, 2020, il-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati, għar-raġunijiet hemm mogħtija, oppona għal dan l-appell.

13. Wara li din il-Qorti appuntat l-appell għas-smigħ, u semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet fit-13 ta' Frar, 2024, ħalliet l-appell għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

14. L-Ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjoni li l-azzjoni attriċi hija perenta *ai termini* tal-Artikolu 469A wara li ddikjarat li l-azzjoni attriċi hija azzjoni *ai termini* tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12. Il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti huma s-segwenti:

> "The Court notes that the Refugee Appeals Board raised preliminary pleas that challenge the basis of the action as put forward by the applicant. Primarily, the Board pleaded that the applicant should declare in terms of which provisions of the Law he is filing these proceedings since it appeared to be a case of judicial review, but also, if it results that the action is based on article 469A of Chapter 12 of the Laws of Malta then the action is time-barred. The Court emphasises at the outset that it is bound to decide the case only within the parameters of the nature of action as filed by applicant in his application and not according to evidence or submissions made at a later stage. Otherwise it will be acting ultra petita.
>
> - Omissis -
>
> Applicant claims that his action is not based on article 469A of Chapter 12. In his submissions in front of the Administrative Review Tribunal he had stated as follows –
>
> "the Application to the present Tribunal was therefore made not, as such, in terms of article 469A of the COCP and was not so much intended as an application for review, but more so, and specifically, as a form of appeal to this impartial and independent Tribunal."

It is also to be noted that in its considerations in the decree of the 14th July 2016 the Administrative Review Tribunal commented as follows on this assertion –

"It is very clear that in his Note of Submissions the Applicant is seeking to vary the nature of the proceedings filed by him from proceedings for judicial review of the decision to appeal proceedings from the said decision."

In its submissions the defendant Board claims that the wording of the application as filed by applicant show that the action is in fact based on article 469A of Chapter 12 of the Laws of Malta.

Considered:

What the Court observes is that in his application, applicant introduces his complaint by immediately making reference to parts of article 469A of Chapter 12 as follows –

"Skond l-artiklu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, "Saving as is otherwise provided by law, the courts of justice of civil jurisdiction may enquire into the validity of any administrative act or declare such act null, invalid or without effect only in the following cases: (a) where the administrative act is in violation of the Constitution; (b) when the administrative act is ultra vires on any of the following grounds: (i).....omissis..... (ii) when a public authority has failed to observe the principles of natural justice or mandatory procedural requirements in performing the administrative act or in its prior deliberations thereon; or (iii) .....omissis"

After quoting this article applicant then continues to state that –

"r-rimedju li huwa hawn imfittex bil-proċedura preżenti, huwa eżattament dak li qegħda hawn tintalab "Judicial Review" tal-att amministrattiv eżegwit mill-Bord tal-Appelli dwar ir-Refuġjati, li ċaħad it-talba tal-esponent għall-asil f'Malta, u dan kif sostnut – minħabba proċedura u raġunamenti nġusti fil-konfront tiegħu. Tant li l-Bord naqas milli jeżamina b'reqqa suffiċjenti l-każ in eżami kif tirrikjedi l-liġi u speċjalment id-direttivi u regolamenti ewropei, kif ukoll naqas milli jaġixxi skond il-prinċipji ta' ġustizzja naturali li tagħti vuċi lill-parti appellanti u li jirrispetta l-"audi alteram partem."

The rest of his application amplifies in practical terms on these specific complaints and why he felt aggrieved by the decision of the Board. His request primarily is that the decision by the Refugee Appeals Board dated 28th July 2015 - by means of which his request to be granted asylum was rejected - is declared ultra vires in the sense that it does not respect the principles of natural justice and that consequently the Refugee Appeals Board is ordered to re-hear, in his presence duly

assisted and in conformity with the principles of natural justice, the appeal lodged by him from the decision by the Refugee Commissioner regarding the granting of asylum.

Having seen the parameters of the action as drafted and brought forward by applicant in his application, the Court cannot reach any conclusion other than that Clement Okoro has based his claims and requests on the basis of article 469A of Chapter 12 of the Laws of Malta. And it is on the basis of this article that the Court has to proceed with the examination of the pleas.

Having reached this conclusion the Court is faced with the preliminary plea that the case is time barred by the lapse of 6 months in terms of subsection 3 of the said article which states –

"An action to impugn an administrative act under sub-article(1)(b) shall be filed within a period of six months from the date when the interested person becomes aware or could have become aware of such an administrative act, whichever is the earlier."

Collectively the allegations raised by the applicant in his application point to a lack of observance of the principles of natural justice under sub-article (1) (b) of article 469A.

Now as established by case-law this time frame cannot be interrupted by a judicial act.

- Omissis -

The Court notes that applicant was very vague about the date when he claims to have been notified with the decision of the Refugee Appeals Board. In his application he states that "dan l-Appell ukoll ġie rifjutat b'ittra deċiżjoni datata 28 ta' Lulju 2015...li waslet għand l-esponent bil-posta ferm wara u x'aktarx lejn nofs Awissu 2015"

However, the evidence brought forward by the Refugee Appeals Board in this respect is concrete. By means of an affidavit of Jackie Marney, secretary of the said Board11 she stated that the decision of the Board of the 28th July 2015 was sent by post within the same week to both the lawyer and Mr Okoro. The original decision was sent to Mr Okoro at the address he had provided the authorities with and he never gave them any other address. She also filed an email dated 7th August 201512 which legal counsel to Okoro had sent them informing them that he had been served with the decision of the Board and that in relation thereto he was going to register a complaint and a request for re-hearing.

As the defendant Board rightly points out, this email is a proof that by the 7th August 2015 applicant was aware of the decision given. This means that he had until the 8th February 2016 (the 7th was a Sunday) to file the proceedings in question. It transpires however that he filed his case on

the 11th February 2016. Although expired by just a few days, there is nothing that can be legally done to rectify the situation. This is a procedural formality of strict application. The Court has therefore no option but to declare the case time-barred by virtue of article 469A (3) of Chapter 12 irrelevant of the fact that it sympathises strongly with the applicant's plight.

For the above mentioned reasons the Court decides the case as follows –

1. It upholds the preliminary pleas raised by defendant Refugee Appeals Board that the case instituted by applicant Clement Okoro is based on the provisions of Article 469A of Chapter 12 of the Laws of Malta and that the action is time-barred by the 6 month period imposed by that section. It abstains from taking cognisance of the remaining pleas.

2. It therefore rejects the claims raised by applicant who must also bear the costs of the case."

15. Permezz tal-appell tiegħu quddiem din il-Qorti l-Appellant ressaq <u>żewġ aggravji</u>:

(i) Illi kuntrarjament għal dak deċiż mill-Ewwel Qorti, l-azzjoni minnu mressqa quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u li ġiet trasmessa lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ma kenitx imsejsa biss fuq l-Artikolu 469A tal-Kap. 12.

(ii) Illi f'każ li l-Qorti tqis l-azzjoni bħala waħda msejsa fuq Artikolu 469A tal-Kap. 12, l-azzjoni ma hix perenta.

16. Permezz tal-<u>ewwel aggravju</u> l-Appellant jgħid illi l-Ewwel Qorti żbaljat meta qieset illi l-azzjoni minnu promossa hija msejsa biss fuq Artikolu 469A tal-Kap. 12. Jgħid illi huwa kien ħass li kellu jressaq il-każ

tiegħu quddiem it-Tribunal Amministrattiv biex iwettaq “Judicial Review”. Jgħid illi ġiadalarba l-Att li waqqaf it-Tribunal Amministrattiv, Kap. 490, jitkellem dwar il-prinċipji li għandu jimxi fuqhom dak it-Tribunal, fosthom smigħ xieraq, ġustizzja fi żmien raġjonevoli, l-osservazzjoni tal-prinċipju ‘audi alteram partem’; allura huwa ħass li ladarba kien qed iqis illi l-Bord tal-Appelli kien kiser fil-konfront tiegħu dawk il-prinċipji, u peress li ra illi l-Bord tal-Appelli kien jirriżulta fil-lista ta’ tribunali amministrattivi elenkati fl-Ewwel Skeda, Parti A tal-Kap 490 (Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva) huwa kien interpreta d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli bħala “att amministrattiv emanenti minn amministrazzjoni pubblika”. Jgħid illi kien għalhekk li dak iż-żmien kien ħaseb illi seta’ jħarrek lill-Bord tal-Appelli quddiem it-Tribunal Amministrattiv. Jistqarr l-Appellant illi llum huwa konxju li ma setax iħarrek lill-Bord tal-Appelli b’poteri kważi-ġudizzjarji quddiem it-Tribunal Amministrattiv.

17. L-appellant ikompli jissottometti illi bil-fatt li l-kawża spiċċat quddiem il-Prim’Awla, l-organu ġudizzjarju kompetenti sabiex jissindika l-operat tal-Bord tal-Appelli, ma kellhiex tirrestrinġi l-kawża bħala azzjoni limitata għall-Artikolu 469A. Jgħid illi fir-rikors promotur huwa semma Artikollu 469A “en passant” u b’mod “infelici” bħala eżempju kif il-liġi toffri protezzjoni kontra trattament ħażin minn amministraturi varji. Jgħid illi permezz tal-att promotur huwa ried jattakka l-operat tal-Bord tal-Appell għar-Refuġjati għal raġunijiet li jmorru lil hinn mill-Artikolu 469A. Jgħid illi

"il-bazi legali kien mhux l-art 469A izda, apparti ligijiet u aspetti ohra li se jissemmew, iktar il-Kapitolu 490 (Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva) li mhux biss (fit-II Parti) kien jindika b'mod iktar car u wies[għ]a id-drittijiet sostantivi 'da proteggere' u l-proceduri relattivi kif jithaddmu ........ Kien hemmhekk ukoll bhala bazi tal-azzjoni diversi ligijiet applikabbli ghad-dilemma tieghu ta' rifjut ta' protezzjoni umanitarja necessarja biex ma jintbaghtx lura fil-pajjiz ta' origini fejn hu imfittex sallum ghal ragunijiet politici."

18. Jgħid illi filwaqt li huwa minnu li fir-rikors promotur semma Artikolu 469A fil-kuntest ta' 'judicial review', però skont l-Appellant l-ilmenti tiegħu jaqgħu wkoll taħt il-Kap. 490 kif ukoll ilmenti ta' natura kostituzzjonali. Jgħid illi bil-fatt li l-kawża waslet quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li għandha poteri aktar wiesgħa mit-Tribunal Amministrattiv, l-Ewwel Qorti kellha tinvesti l-ilment tiegħu illi l-Bord tal-Appelli aġixxa *ultra vires* u b'nuqqas ta' osservanza tar-regoli ta' ġustizzja naturali. Jgħid illi l-ilmenti tiegħu setgħu jiġu kkunsidrati bħala ksur da parti tal-Bord tal-Appelli tar-regoli stipulati fir-Regolamenti dwar il-Bord tal-Appelli dwar Rifuġjati (Proċeduri) S.L. 420.01 f'dak li jirrigwarda l-ilment tiegħu tal-ksur tal-prinċipju ta' "audi alteram partem" kif ukoll li ma applikax il-kunċett ta' "safe third country concepts" u smigħ xieraq li dwarhom tipprovdi l-liġi sussidjarja S.L. 420.07 referibbli għaż-żamma ta' *standards* fir-rigward ta' protezzjoni umanitarja. Jgħid illi l-Ewwel Qorti kellha tikkonsidra l-azzjoni

tiegħu fid-dawl tal-ilment tiegħu illi l-Bord tal-Appelli kiser id-doveri statutorji tiegħu taħt il-Liġi Sussidjarja 429.07 kif ukoll li agixxa bi ksur tal-Artikolu 39 (2) u (3) u Artikolu 43 (2) tal-Kostituzzjoni.

19. Jgħid illi meta t-Tribunal Amministrattiv bagħat l-atti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kien aċċetta l-eċċezzjoni tal-Bord konvenut illi Artikolu 469A ma kienx japplika għal każ ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' bord b'poteri kważi-ġudizzjarji. Jgħid li għalhekk is-sentenza appellata hija kontradittorja peress illi ġialadarba Artikolu 469A ma kienx applikabbli għall-azzjoni attriċi, ma hux applikabbli t-terminu ta' dekadenza hemm stipulat.

20. Il-Bord Appellat jilqa' għal dan l-aggravju billi jissottometti illi kif sewwa ddeċidiet l-Ewwel Qorti, l-azzjoni attriċi hija msejsa fuq Artikolu 469A. L-Appellat jirreferi għall-eċċezzjoni preliminari tiegħu intavolata quddiem it-Tribunal Amministrattiv fejn eċċepixxa illi t-Tribunal Amministrattiv ma kellux ġurisdizzjoni sabiex jieħu konjizzjoni tat-talbiet attriċi peress li "tali kompetenza ta' stharrig gudizzjarju, kif donnu mitluba mill-attur, tispetta lill-Onorabbli Qorti tal-Prim' Awla Civili f'kawza intavolata permezz ta' rikors mahluf". Jgħid illi meta l-Appellant issa qed jiddikjara illi ma ntavolax il-kawża odjerna msejsa fuq Artikolu 469A, qed jagħmel "u-turn" meta jghid illi l-azzjoni proposta minnu hija azzjoni li

kellha tkun waħda bbażata fuq prinċipju ta' ġustizzja naturali quddiem Tribunal indipendenti sabiex tiġi kanċellata deċiżjoni amministrattiva.

21. Il-Bord Appellat jikritika s-sottomissjoni tal-Appellant illi fir-rikors promotur kien semma Artikolu 469A "b'mod infelici, *obiter* u *en passant*." Jgħid illi dan mhux minnu peress li l-Artikolu 469A kien imsemmi speċifikatament fir-rikors promotur. Isostni illi jekk kellu jiġi akkolt dan l-aggravju tispiċċa ċ-ċertezza legali. Jgħid illi l-attur Appellant rabat espliċitament l-azzjoni tiegħu mal-Artikolu 469A u ma jistax issa jgħid li dan mhux minnu. Il-Bord Appellat ikompli jissottometti illi fir-rikors tal-appell stess (para. 14) l-Appellant jistqarr illi l-azzjoni tiegħu kienet "judicial review" ta' deċiżjoni tal-Bord Appellat u dan huwa konferma kemm l-azzjoni attriċi hija azzjoni msejsa fuq Artikolu 469A u fuq xejn aktar.

22. L-Appellat iżid jgħid illi jekk l-Appellant ħass illi t-Tribunal Amministrattiv kellu jasserixxi l-kompetenza tiegħu u li l-azzjoni tiegħu ma kentix waħda *ai termini* tal-Artikolu 469A, allura messu appella mid-deċiżjoni tat-Tribunal tal-14 ta' Lulju, 2016. Jgħid illi ladarba dik id-deċiżjoni tat-Tribunal ma ġietx ikkontestata allura għaddiet in ġudikat. Jissottometti illi Kap. 490 jistipula illi azzjonijiet li jistgħu jitressqu *ai termini* tal-Artikolu 469A ma jistgħux jitressqu quddiem it-Tribunal Amministrattiv u li l-istess Kap. 490 jistipula illi sabiex tali Tribunal ikollu kompetenza

jisma' xi tip ta' appell jeħtieġ li tali kompetenza tkun stipulata 'ad hoc' b'xi liġi, u f'dan ir-rigward irrefera għall-Artikolu 5 (1) u (2) tal-Kap. 490.

23. Jgħaddi mbagħad sabiex jirribatti l-pretensjoni tal-Appellant illi l-azzjoni tiegħu għandha tiġi meqjusa bħala lanjanza ta' natura kostituzzjonali. Jirreferi għall-ġurisprudenza li żżomm illi azzjoni sabiex tiġi attakkata deċiżjoni amministrattiva jew għemil amministrattiv ma tistax tiġi mħallta ma' azzjoni kostituzzjonali. Jagħlaq dwar l-ewwel aggravju billi jgħid illi jekk Artikolu 469A hux applikabbli għat-Tribunal Amministrattiv ma kenitx kwistjoni li ġiet deċiża fis-sentenza appellata u għalhekk ma tifformax parti minn dan l-appell. Jisħaq illi l-eċċezzjonijiet tiegħu ressaqhom fir-rigward tal-azzjoni kif promossa mill-Appellant.

Ikkunsidrat;

24. Fir-rigward tal-ewwel aggravju din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni illi huwa assodat fil-ġurisprudenza nostrana li n-natura u l-parametri ġudizzjarji tal-azzjoni huma determinati mill-premessi u mit-talbiet magħmula fl-att promotorju tal-ġudizzju, konsidrati wkoll fid-dawl tal-eċċezzjonijiet sollevati. (**John Mary Camilleri v. L-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta et.** - Appell Superjuri - 28 ta' April 2017). Huwa prinċipju ewlieni fil-proċedura li l-azzjoni jagħżilha l-attur u mhux il-konvenut. Huwa fuq l-azzjoni kif proposta li l-Qorti tintalab u hija marbuta li tagħti l-ġudizzju tagħha, u mhux fuq x'azzjoni li setgħu jew messhom

ressqu l-atturi jew li seta' kellhom f'moħħom iżda mbagħad aġixxew mod ieħor. Huwa għalhekk li l-Qorti għandha obbligu li tiddeċiedi l-kawża fil-parametri tat-talbiet li tressqu mill-attur u mhux fuq talbiet oħra li potenzjalment jistgħu jġibu riżultat aħjar lill-attur. (**Maria Antonia Borg v. Daniel Gambin et.** - Appell Superjuri - 27 ta' Jannar, 2017; **Carmelo Cassar vs Victor Zammit** - Appell Inferjuri - 23 ta' Ġunju 2004).

25. Fl-istess ħin, fl-ordinament legali tagħna ma hemm xejn li jżomm lill-attur milli jiġma f'azzjoni waħda aktar minn talba waħda li jkunu msawra fuq elementi ġuridiċi differenti. L-importanti illi l-kawżali u t-talbiet imsejsa fuq id-diversi azzjonijiet ma jkunux konfliġġenti ma' xulxin. Mill-bqija l-liġi tħalli għal kollox f'idejn il-parti attriċi li tiddeċiedi u tagħżel l-għamla u x-xorta ta' kawża li tixtieq tressaq. (**Sandra Rainieri v. Mohib sive Michael Abouzidan** - Appell Superjuri - 16 ta' Marzu, 2023; **Paul Bonello et. v. Ramel u Zrar Limited et.** - Appell Superjuri - 26 ta' Mejju, 2021; **FIMBank p.l.c. v. Food World Limited et**. - Appell Superjuri - 15 ta' Novembru, 2023).

26. Sfiq ma' dan il-prinċipju, hemm imbagħad il-prinċipju l-ieħor msejjes fuq il-massima legali "electa una via non datur recursus ad alteram". Bħalma hu assodat fl-ordinament nostran il-prinċipju li hija fid-diskrezzjoni assoluta tal-parti attriċi x-xorta ta' azzjoni ġudizzjarja li tippromwovi inkluż kumulu ta' azzjonijiet flimkien li ma humiex konfliġġenti; daqstant ieħor hu assodat il-prinċipju illi ġialadarba l-parti

attriċi tadixxi lill-Qorti b'azzjoni speċifika, ma tistax nofs triq tiddeċiedi li tibdel ir-rotta u tkompli b'azzjoni oħra b'elementi in konflitt mal-azzjoni preċedenti. F'dan is-sens l-eżerċizzju ta' azzjoni jestingwi l-azzjonijiet l-oħra. (**Tereża Farrugia et. v. Giuseppe Camilleri et**. - Appell Inferjuri - 10 ta' Marzu, 2004; **Vincent Ciappara et. v. Nazzareno Bartolo et.** - Appell Superjuri - 15 ta' Novembru, 2023).

27. Inżamm ukoll, għad li mhux f'kuntest identiku għall-mertu ta' dan l-appell, illi "meta Qorti tinsab konfrontata b'eċċezzjoni ta' difett ta' ġurisdizzjoni, fi kwalunkwe kawża li tkun, għandu qabel xejn ifittex u jara li ma jeżawtorax ruħu, għal raġunijiet ta' ordni pubbliku, jew statutorju ma jipprekluduwhiex milli tieħu konjizzjoni bħala tribunal ordinarju tal-kontroversja li tigi istitwita quddiem[h]a" - **L-Ispiżjar Anthony Darmenia noe. et. noe. v. Onor. Dott. Giorgio Borg Olivier noe. et. noe.** - Qorti Ċivili, Prim'Awla per Imħ. Edoardo Magri, 12.01.1965, deċiża definittivament mill-Qorti tal-Appel fit-18 ta' Frar, 1966" (**Albert Calleja v. Direttur Ġenerali tal-Qrati** - Appell Inferjuri - 6 ta' April, 2005).

28. Hija ġurisprudenza llum paċifika illi Artikolu 469A tal-Kap. 12 ma hux applikabbli għal stħarriġ ġudizzjarju dwar deċiżjoni jew imġiba ta' korp ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju maħluq bis-saħħa ta' xi liġi, bħalma kien il-Bord tal-Appelli dwar ir-Refuġjati. (**Onor. Prim Ministru v. Victor Vella Muskat** - Appell Superjuri - 25 ta Settembru, 2006; **Direttur Ġeneral tal-Qrati vs Pinu Axiaq** – Appell Superjuri - 3 ta' Marzu 2006; **Avukat**

**Dr Anthony P. Farrugia vs Kummissjoni Elettorali et.** - Appell Superjuri - 18 ta' Ottubru 1996). *Una volta* l-Bord tal-Appelli konvenut kien tribunal b'poteri kważi-ġudizzjarji, l-operat u d-deċiżjonijiet tiegħu ma jistgħux ikunu soġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju bis-saħħa tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12. Però huwa soġġett għall-iskrutinju ġudizzjarji b'fonti statutorju divers mill-Artikolu 469A.

29. Huwa wkoll paċifiku fil-ġurisprudenza nostrana illi l-Qorti Ċivili Prim'Awla għandha l-kompetenza residwali illi tissindaka l-operat ta' kwalsiasi tribunal amministrattiv b'poter ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju *nonostante* li l-liġi li tkun waqfithom tgħid espressament illi ma jistax ikun hemm kontestazzjoni tad-deċiżjonijiet minnhom mogħtija.[5]

30. Applikati dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali għall-każ odjern, din il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet segwenti.

31. L-Ewwel Qorti qieset illi l-azzjoni attriċi hija waħda msejsa unikament fuq Artikolu 469A u xejn aktar. Ikkonsidrat għalhekk illi meta l-Appellant fetaħ il-kawża odjerna t-terminu perentorju ta' sitt xhur kontemplat f'dak l-artikolu kien laħaq skada.

[5] **Artikolu 7 tal-Kap. 420** jipprovdi illi "(10) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, iżda mingħajr preġudizzju għall-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, id-deċizjoni tat-Tribunal tkun waħda finali u konklużiva u ma tkun tista' tiġi kontestata jew appellata quddiem ebda qorti tal-ġustizzja,............"

32. F'dan ir-rigward din il-Qorti tosserva illi huwa minnu illi fir-rikors promotur l-attur Appellant semma Artikolu 469A:

> "Skond l-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta: "Saving as otherwise provided by law the courts of justice of civil jurisdiction may enquire into the validity of any administrative act or declare such act null, invalid or without effect only in the following cases: (a) when the administrative act is in violation of the Constitution; (b) when the administrative act is ultra vires on any of the following grounds: (i) ... omissis ... (ii) when a public authority has failed to observe the principles of natural justice or mandatory procedural requirements in performing the administrative act or in its prior deliberations thereon; (iii) omissis ....
>
> Ir-Rimedju li huwa hawn imfittex bil-procedura prezenti, huwa ezattament dak li qeghda hawn tintalab 'Judicial Review' tal-att amministrattiv ezegwit mill-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati, li cahad it-talba tal-esponent ghall-asil f'Malta, u dan, kif sostnut – minhabba procedura u ragunament ingusti fil-konfront tieghu. Tant li il-Bord imsemmi naqas milli jezamina b'reqqa sufficjenti il-kaz in ezami kif tirrikjedi il-ligi u specjalment id-direttivi u regolamenti ewropei, kif ukoll naqas milli jagixxi skond il-prinċipji ta' gustizzja naturali li taghti vuci lill-parti Appellanti u li jirrispetta l-"audi alteram partem".

33. Però l-attur Appellant ma waqafx hemm. Fir-rikors promotur ta' tmien (8) paġni l-Appellant jelenka numru ta' ilmenta dwar kif aġixxa l-Bord tal-Appelli fil-konfront tiegħu sew proċeduralment kif ukoll f'dak li kkunsidra; jew aħjar f'dak li ma kkunsidrax fid-deċiżjoni tiegħu.

34. Jgħid illi l-Bord tal-Appelli skarta l-provi dokumentarji li ressaq quddiemu għaliex qal li ma kienux kopji oriġinali mingħajr ma tah l-ebda opportunità jispjega ruħu peress li qabel ma ddeċieda l-appell tiegħu ma sejjaħlu qatt għal seduta. Jilmenta illi għalkemm huwa kien ippreżenta affidavit, il-Bord wasal għall-konklużjoni illi dak li qal fl-affidavit ma kienx

minnu mingħajr ma lanqas ġie msejjaħ sabiex jiġi kontroeżaminat. Jilmenta illi l-mod kif mexa miegħu l-Bord tal-Appelli kiser dak li jipprovdi l-Att XX tal-2000 *stante* li ma taħx smigħ xieraq. Jgħid illi għalkemm huwa fid-diskrezzjoni tal-Bord jekk isejjaħx lill-appellant quddiemu, iċ-ċirkostanzi tiegħu kienu juru biċ-ċar illi kellu jingħata smigħ *ai termini* tal-Artikolu 7 tal-Att dwar ir-Refuġjati. Jgħid illi wara li kien intavola l-appell quddiem il-Bord tal-Appelli, ġew f'idejh aktar provi dokumentarji li kien beħsiebu jressaq waqt is-seduta li kien qed jistenna li ser tiġi appuntata. Jgħid li minflok ma ssejjaħ għal seduta rċieva d-deċiżjoni finali ta' rifjut.

35. It-talba prinċipali fir-rikors promotur hi sabiex id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli tiġi mħassra wara li tiġi dikjarata 'ultra vires' u li 'ma irrispettatx il-principji ta' gustizzja naturali".

36. **Artikolu 4 tal-Kap. 490** jipprovdi illi :

> "Il-Ministru[6] jista' jagħmel regolamenti biex jimplimenta u jwettaq b'mod aħjar id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att, u jista', mingħajr preġudizzju għas-setgħa ġenerali preċedenti:
>
> (a) jistabbilixxi d-data tad-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima fir-rigward ta' xi tribunal amministrattiv imsemmi fl-Ewwel Skeda li l-Ministru jista' b'regolamenti jindika;
>
> (b) jagħmel dawk l-emendi, alterazzjonijiet, tħassir, revoki, korrezzjonijiet, bidliet u modifiki f'kull liġi prinċipali jew liġi sussidjarja bil-għan li jġib dik il-liġi primarja jew liġi sussidjarja konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din il-Taqsima ta' dan l-Att u jista' minn żmien għal żmien jaġġorna l-lista ta' tribunali amministrattivi li hemm elenkati fl-Ewwel Skeda."

[6] Responsabbli għall-Ġustizzja

37. Fiż-żmien rilevanti Kap. 490 fl-ewwel skeda tiegħu kien jelenka fil-lista ta' tribunali kontemplati f'dik il-liġi l-Bord tal-Appell dwar ir-Refuġjati. **Artikolu 3 tal-Att** jipprovdi illi:

> "(1) Fir-relazzjonijiet tagħhom mal-pubbliku, it-tribunali amministrattivi kollha għandhom jirrispettaw u japplikaw il-prinċipji ta' mġiba amministrattiva tajba stabbiliti f'din it-Taqsimata' dan l-Att.(2) Il-prinċipji ta' mġiba amministrattiva tajba jinkludu dawnli ġejjin:
>
> (a) tribunal amministrattiv għandu jirrispetta d-dritt tal-partijiet li jingħataw smiegħ xieraq, inklużi l-prinċipji tal-ġustizzja naturali, jiġifieri: (i)nemo judex in causa sua, u(ii)audi et alteram partem
>
> (b) it-terminu li tribunal amministrattiv ikollu biex jieħud-deċiżjoni tiegħu għandu jkun wieħed raġonevoliskond iċ-ċirkostanzi ta' kull każ. Id-deċiżjoni għandhatingħata kemm jista' jkun malajr u għal dan il-għan it-Tribunal għandu jagħti deċiżjoni waħda dwar il-kwistjonijiet kollha involuti fil-kawża kemm jekkikunu ta' natura preliminari, proċedurali jewsostantiva;
>
> (ċ) tribunal amministrattiv għandu jiżgura li l-partijiet fil-proċeduri jkollhom l-istess mezzi proċedurali. Kullparti għandha tingħata l-opportunità li tippreżenta l-każ tagħha, bil-kitba jew bil-fomm jew bit-tnejn,mingħajr ma titqiegħed fi żvantaġġ;
>
> (d) tribunal amministrattiv għandu jiżgura li l-amministrazzjoni pubblika tagħmel disponibbli d-dokumenti u l-informazzjoni rilevanti għall-każ ugħandu jara li l-parti jew il-partijiet l-oħra fil-proċeduri jkollhom aċċess għal dawn id-dokumenti uinformazzjoni;
>
> (e) il-proċeduri quddiem tribunal amministrattiv għandujkollhom il-forma ta' parti kontra l-oħra. Il-provikollha li t-tribunal jaċċetta għandhom, bħala prinċipju,jkunu disponibbli għaż-żewġ partijiet biex dawn ikunujistgħu jargumentaw il-pożizzjonijiet diversi tagħhom;
>
> (f) tribunal amministrattiv għandu jkun f'qagħda lijeżamina kull punt ta' natura fattwali u legali rilevantigħall-każ ippreżentat mill-partijiet skond il-liġiapplikabbli;
>
> (g) sakemm il-liġi ma tiddisponix mod ieħor, il-proċeduriquddiem tribunal amministrattiv għandhom isiru bil-miftuħ;
>
> (h) is-sentenzi għandhom ikunu motivati. Tribunal amministrattiv għandu jagħti, b'mod biżżejjed ċar, il-motivi li fuqhom tkun mibnija d-

> deċiżjoni. Għalkemm ma jkunx meħtieġ li t-tribunal jiddisponi minn kull punt imqajjem bħala argument, sottomissjoni li tkun, li kieku din tiġi aċċettata, meħuda deċiżiva għar-riżultat tal-kawża, għandu jkollha risposta speċifika u espressa.

38. L-attur istitwixxa l-kawża odjerna għaliex qed isostni illi l-Bord tal-Appelli dwar ir-Refuġjati naqas milli jottempera ruħu mal-obbligi imposti fuqu bl-**Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva (Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta).** Il-fondatezza *o meno* ta' dawn l-allegazzjonijiet ma hux il-mertu ta' dan l-appell, u din il-Qorti tagħmilha ċara illi bl-ebda mod ma hi qed tagħmel xi konsiderazzjoni fir-rigward.

39. Din il-Qorti, wara li ezaminat akkuratament ir-rikors promotur, issib illi r-referenza fir-rikors promotur għall-Artikolu 469A, għalkemm skorretta fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, fl-istess ħin ma illimitatx il-mertu esklussivament taħt l-Artikolu 469A.

40. Ma hemmx kuntrast bejn il-partijiet illi l-Bord tal-Appelli dwar ir-Refuġjati, illum it-Tribunal tal-Appelli għall-Protezzjoni Internazzjonali, maħluq bis-saħħa tal-Kapitolu 420 tal-Liġijiet ta' Malta huwa tribunal amministrattiv b'poteri kważi-ġudizzjarji.

41. L-azzjoni tal-Appellant għal stħarriġ ġudizzjarju tal-operat u tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli, tribunal b'poteri kważi-ġudizzjarji, tista' biss tiġi kkunsidrata mill-Qorti fil-ġurisdizzjoni ordinarja tagħha li tinkludi s-setgħa li tivverifika l-legalità ta' pronunzjamenti ta' tribunali ġudizzjarji u

kważi-ġudizzjarji. Jista' jingħad illi l-istħarriġ ġudizzjarju taħt Artikolu 469A tal-Kap. 12 u l-istħarriġ ġudizzjarju in forza tal-ġurisdizzjoni ġenerali konferita lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, jista' jkun fis-sustanza u fil-prattika eżerċizzju simili jekk mhux identiku, bħalma hu fil-fatt identiku fil-każ odjern. Dan peress li fiż-żewġ każi l-eżerċizzju huwa dejjem wieħed, dak li l-Qorti tara li l-għemil amministrattiv fil-każ wieħed u l-pronunzjament tat-tribunali amministrattivi fil-każ l-ieħor, jkunu fil-parametri tal-liġi. Dan ma jnaqqas xejn mill-fatt illi huwa dejjem il-Kapitolu 12 li jikkonferixxi din is-setgħa lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili taħt żewġ dispożizzjonijiet separati fl-istess Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. (**Direttur Ġenerali tal-Qrati v. Pinu Axiaq** - Appell Superjuri - 3 ta' Marzu, 2006).

42. Naturalment tali stħarriġ irid isir fil-limiti preċiżi tal-għan tiegħu u m'għandux jinbidel f'eżerċizzju ta' appell minn jew ta' reviżjoni tal-mertu tal-kwestjoni li dak il-korp ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju kien kompetenti li jqis. Kif inżamm minn din il-Qorti lura fis-sena 1993, tali kompetenza residwali ta' stħarriġ naxxenti mill-Artikolu 32 (2) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili hija limitata għal tlett istanzi, (i) meta t-tribunal ikun eċċeda l-ġurisdizzjoni tiegħu; (ii) meta t-tribunal ikun naqas milli josserva il-liġi li kkostitwietu; u (iii) meta ma jkunx osserva xi wiehed mill-prinċipji fondamentali tal-ġustizzja eż il-prinċipju tal-*audi alteram partem* (**Dottor Vincent Falzon nomine v. Isabelle Grima** u **Wilfred Privitera v. Anthony Bonello** t-tnejn mogħtija minn din il-Qorti fil-11 ta' Frar 1993;

ara wkoll **General Workers Union v. Bank of Valletta p.l.c.** - Appell Superjuri – 19 ta' Jannar, 2010).

43. Għalhekk tqis illi bil-fatt li fir-rikors promotur saret referenza għall-Artikolu 469A tal-Kap. 12 ma kellux ikun ta' xkiel sabiex l-Ewwel Qorti tikkonsidra wkoll l-istess talbiet taħt il-kompetenza residwali tagħha kif fuq spjegat. (ara **John *sive* Gino Cutajar et. v. Alfred Falzon Sant Manduca et.** deċiża mill-Prim' Awla fis-27 ta' Novembru, 2014 (konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2020). It-tismija fir-rikors promotur tal-Artikolu 469A ma eskludiex il-kompetenza tal-Ewwel Qorti milli tisma' l-istess kawża bis-saħħa tal-kompetenza residwali tagħha.

44. Inżamm illi sabiex jiġi stabbilit jekk azzjoni hix waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt Artikolu 469A, il-fatt li Artikolu 469A ma jissemmiex fl-att promotur ma jfissirx li mhux applikabbli għall-mertu tal-kawża. "Wieħed irid iħares lejn in-natura tal-azzjoni" (**Fairbet Ltd. et. v. Malta Gaming Authority** – Appell Superjuri - 4 ta' Mejju, 2022). Bl-istess mod, bil-fatt li jissemma Artikolu 469A, li kif rajna ma hux applikabbli għall-mertu tal-kawża, ma jwaqqafx lill-Qorti milli tikkonsidra l-istess mertu bis-saħħa tal-kompetenza residwali tagħha.

45. Ġialadarba l-azzjoni attriċi kellha titqies bħala azzjoni li taqa' taħt il-kompetenza residwali tal-Qorti Ċivili u mhux bħala azzjoni taħt Artikolu 469A, jikkonsegwi illi l-azzjoni attriċi ma hix perenta.

46. Tilqa' għalhekk l-aggravji mressqa mill-Appellant.

**Decide.**

**Għar-raġunijiet** fuq mogħtija, din il-Qorti qiegħda tilqa' dan l-appell, tħassar is-sentenza appellata, u tibgħat l-atti lura quddiem l-Ewwel Qorti sabiex jitkompla s-smigħ tal-kawża mill-istadju li kienet meta ngħatat is-sentenza appellata.

Fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ l-ispejjeż ta' dan l-appell jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss